Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,970, 6 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 331 tal-2022

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 549.150.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (g) tiegħu, il-kliem "fir-Riserva Naturali; jew" għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "fir-Riserva Naturali;";

(b) fil-paragrafu (h) tiegħu, il-kliem "anċillari għal dak l-iskop," għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "anċillari għal dak l-iskop; jew" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(i) ikollha fil-pussess tagħha u, jew tuża kwalunkwe arma, munizzjon, jew apparat ieħor li jista' jintuża għall-kaċċa fir-Riserva Naturali u f'żona ta' mitejn metru raġġ imkejla mill-fruntiera tagħha,".

Jemenda l-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fl-ewwel kolonna tal-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Regolament 5(1) u 5(2)(f)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolament 5(1), 5(2)(f) u 5(2)(i)".